

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' Jannar 2009 — Sebirán, S.L. vs Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), El Coto de Rioja S.A.

(Kawża C-210/08 P) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Trade mark figurattiva Coto D'Arcis — Oppożizzjoni mill-proprietarju tat-trade marks verbali COTO DE IMAZ u EL COTO — Reġistrazzjoni rrifjutata parzialment)

(2009/C 113/35)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Sebirán, S.L. (rappreżentant: J.A. Calderón Chavero, avukat)

Appellat: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Laporta Insa, aġent), El Coto de Rioja S.A. (rappreżentanti: J. Grimal Muñoz u J. Villamor Muguerza, avukati)

Suġġett

Appell imressaq kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Marzu 2008, Sebirán vs UASI u El Coto de Rioja (T-332/04) li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet it-talba ta' Sebirán S.L. għall-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-15 ta' Ġunju 2004 (Każ R 550/2003-2)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Sebirán S.L. hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 183, 19.7.2008

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Frar 2009 — Massimo Giannini vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-231/08 P) ⁽¹⁾

(Appell — Servizz pubbliku Komunitarju — Dritt għal smiġħ xieraq — Ksur tal-Artikoli 4, 27 u 29 tar-Regolamenti tal-Persunal — Prinċipju ta' non-diskriminazzjoni — Interess tas-servizz u l-obbligu ta' premura — Żnaturament tal-elementi ta' prova u regoli dwar l-amministrazzjoni tal-provi — Appell parzialment manifestament inammissibbli u parzialment manifestament infondat)

(2009/C 113/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Massimo Giannini (rappreżentanti: L. Levi u C. Ronzi, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Berscheid u L. Lozano Palacios, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Marzu 2008, Giannini vs Il-Kummissjoni (T-100/04) li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors tar-rikorrent għall-annullament tad-deċiżjoni tal-bord tal-ġaġla tal-kompetizzjoni COM/A/9/01, sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi fl-oqsma tal-ekonomija u tal-istatistika, li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva għal din il-kompetizzjoni u għad-danni — Ksur tad-dritt għal smiġħ xieraq, relatav mad-dewmien eċċessiv tal-proċeduri — Ksur tal-Artikoli 4, 27 u 29 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-kunċett ta' interessa servizz u tal-obbligu ta' premura — Ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u tar-regoli tal-amministrazzjoni tal-provi.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) M. Giannini huwa kkundannat għall-ispejjeż tal-appell.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 30.8.2008.